31997R0314

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 314/97
tal-20 ta' Frar 1997
li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 94/92 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jimplimentaw l-arranġamenti għall-importazzjoni minn pajjiżi terzi previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel [1] kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 418/96 [2] u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tiegħu,

Billi l-Artikolu 11(1) ta' Regolament (KEE) Nru 2092/91 jistipula li prodotti li huma impurtati minn pajjiż terz jistgħu jiġu mqiegħda fis-suq biss meta joriġinaw minn pajjiż terz li jidher f'lista mwaqqfa apposta skond il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu; billi tali lista ġiet imniżżla fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 94/92 [3], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 522/96 [4];

Filwaqt li l-Arġentina, l-Ungerija u l-Isvizzera applikaw mal-Kummissjoni sabiex temenda t-termini ta' l-inklużjoni tagħhom fil-lista li għaliha hemm ipprovdut fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 u daħħlu l-informazzjoni meħtieġa skond l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 94/92;

Filwaqt li l-Olanda daħħlet talba sabiex iżżid lil Skal bħala waħda mill-organizazzjonijiet ta'spezzjonar fl-Ungerija. Billi din l-organizazzjoni ta' spezzjonar ġiet stmata qabel mill-Olanda u l-Kummissjoni ressqet din it-talba lill-awtoritajiet ta' l-Ungerija; filwaqt li l-Ungerija aċċettat l-inklużjoni ta' din l-organizazzjoni ta' spezzjonar;

Filwaqt li l-eżami ta' l-informazzjoni li ddaħħlet wasslet għall-konklużjoni li l-ħtiġijiet huma ekwivalenti għal dawk li jirriżultaw mil-leġislazzjoni tal-Komunità;

Billi, għal raġunijiet ta' kjarezza, huwa xieraq li f'dan ir-Regolament tkun ipprovduta għal lista kompluta ta' pajjiżi terzi aċċettati bi qbil mad-dettami ta' l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91;

Billi, għall-ħidma ta' l-amministrazzjoni ta' kull pajjiż terz, l-organizzazzjoni responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat ta' spezzjonar li għalih hemm referenza fl-Artikolu 11(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għandhom ikunu identifikati;

Billi l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat li għalih hemm referenza fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 94/92 hu mibdul bl-Anness għar-Regolament preżenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1997.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Frar 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 198, tat-22.7.1991, p. 1.
(2) ĠU L 59, tat-8.3.1996, p. 10.
(3) ĠU L 11, tas-17.1.1992, p. 14.
(4) ĠU L 77, tas-27.3.1996, p. 10.

ZAŁĄCZNIK

"ANNESS

IL-LISTA TAL-PAJJIŻI TERZI U SPEĊIFIKAZZJONIJIET RILEVANT

L-ARĠENTINA

1. **Il-Kategoriji tal-prodotti:**

   (a) prodotti mhux ipproċessati ta' l-uċuħ tar-raba' fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

   (b) l-oġġetti ta' l-ikel essenzJalment ta' ingredjent jew iktar ta' oriġini mill-pjanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91

2. **L-Oriġini**: il-prodotti tal-kategorija 1 (a) u l-ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1 (b) kienu mkabbra fl-Arġentina

3. **Il-Korpi ta' l-ispezzjoni**: L-*Instituto Argentino para la Certificación y Promoción de Productos Agropecuarios Orgánicos SRL* (*Argencert*) u L-*Organización Internacional Agropecuaria* (*OIA*)

4. **Il-Korpi li joħorġu ċ-ċertifikati**: bħal fi 3

5. **It-Tul taż-żmien ta' l-inklużjoni**: 30. 6. 2000

L-AWSTRALJA

1. **Il-Kategoriji tal-prodotti**:

   (a) il-prodotti mhux ipproċessati ta' l-uċuħ tar-raba fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

   (b) l-oġġetti ta' l-ikel komposti essenzJalment minn ingredjent jew iktar ta' oriġini mill-pjanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91

2. **L-Oriġini**: il-prodotti tal-kategorija 1 (a) u ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1 (b) kienu mkabbra fl-Awstralja

3. **Il-Korp ta' l-ispezzjoni**: L-*Australian Quarantine and Inspection Service* (*AQUIS*) - (Is-Servizz Awtraljan tal-Korantina u l-Ispezzjon (*ACQUIS*))

4. **Il-Korp li joħroġ ċ-ċertifikati**: bħal fi 3

5. **It-Tul taż-żmien ta' l-inklużjoni**: 30. 6. 2000

L-UNGERIJA

1. **Il-Kategoriji ta' prodotti**:

   (a) prodotti mhux ipproċessati ta' l-uċuħ tar-raba' fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

   (b) l-oġġetti ta' l-ikel komposti essenzjalment minn ingredjent jew iktar ta' oriġini mill-pjanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91

2. **L-Oriġini**: il-prodotti tal-kategorija 1 (a) u l-ingredjenti mkabbra b'mod organiku tal-kategorija 1 (b) ġew imkabbra fl-Ungerija

3. **Il-Korpi ta' l-ispezzjoni:**:-Assoċjazzjoni *Biokultura* u l-i*Skal*

4. **Il-Korpi li joħorġu ċ-ċertifikati**: L-Assoċjazzjoni *Biokultura* u l-i*Skal* (bl-Uffiċċju fl-Ungerija)

5. **It-Tul taż-żmien ta' l-inklużjoni**: 30. 6. 1998

L-IŻRAEL

1. **Il-Kategoriji tal-prodotti**:

   (a) il-prodoti mhux ipproċessati ta' l-uċuħ tar-raba' fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

   (b) l-oġġetti ta' l-ikel komposti essenzjalment minn ingredjent jew iktar ta' oriġini mill-pjanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91

2. **L-Oriġini**: il-prodotti tal-kategorija 1 (a) u l-ingredjenti mkabbra b'mod organiku tal-katgorija 1 (b) ġew imkabbra fl-Iżrael

3. **Il-Korpi ta' l-ispezzjoni**: Il-*Ministry of Agriculture, Plant Protection and Inspection Services* (*PPIS*) - (Il-Ministeru ta' l-Agrikoltura, il-Protezzjoni tal-Pjanti u s-Servizzi ta' l-Ispezzjoni (*PPIS*), - jew il-*Ministry of Industry and Trade, Food and Vegetables Products, Export Foodstuffs Inspection Service* - (il-Ministeru ta' l-Industrija u l-Kummerċ, il-Prodotti ta' l-Ikel u l-Ħxejjex ta' l-Ikel, is-Servizz ta' l-Ispezzjoni ta' l-Esportazzjoni ta' l-Oġġetti ta' l-Ikel)

4. **Il-Korp li joħroġ iċ-ċertifikati**: bħal fi 3

5. **It-Tul taż-żmien ta' l-inklużjoni**: 30. 6. 2000

L-IŻVIZZERA

1. **Il-Kategoriji tal-prodotti**:

   (a) il-prodotti mhux ipproċessati ta' l-uċuħ tar-raba' fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (a) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

   (b) l-oġġetti ta' l-ikel komposti essenzjalment minn ingredjent jew iktar ta' oriġini mill-pjanti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1 (1) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91

2. **L-Oriġini**: il-prodotti tal-kategorija 1 (a) u l-ingredjenti mkabbra b'mod organiku fil-prodotti tal-kategorija 1 (b) ġew imkabbra fl-Isvizzera jew ġew importati fl-Isvizzera:

   — jew mill-Komunità Ewropea,

   — jew minn pajjiż terz fil-qafas ta' reġim li huwa magħruf bħala ekwivalenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91,

   — jew minn pajjiż terz li għalih Stat Membru ta' l-UE aċċetta skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 (6) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 illi l-istess prodott kien prodott u spezzjonat f'dan il-pajjiż taħt l-istess arranġamenti kif aċċettati mill-Istat Membru ta' l-UE

3. **Il-Korpi ta' l-ispezzjoni**: Il-*Vereinigung Schweizerischer Biologischer Landbauorganisationen* (*VSBLO*), l-*Institut für Marktökologie* (*IMO*) u l-*Forschungsinstitut für Biologischen Landbau* (*FIBL*)

4. **Il-Korp li joħroġ iċ-ċertifikati**: bħal fi 3

5. **It-Tul taż-żmien ta' l-inklużjoni**: 30. 6. 1998.'"